# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 6/2014**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann Fenech)**

**vs**

**Mario Buhagiar**

Illum, 26 ta' Gunju, 2020

**Il-Qorti,**

Rat it-talba maghmula mill-appellant fir-rikors tieghu tal-14 ta' Jannar 2020 fejn, b'referenza ghall-artikolu 39, kif ukoll l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, talab sabiex dina l-Qorti taghmel referenza lil Prim'Awla tal-Qorti Civili dwar ksur tad-dritt fundamentali tal-appellant kif mahsub fid-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni minnu iccitati.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tat-18 ta' Frar 2020 fejn oggezzjona ghat-talba tal-appellant billi qies l-istess bhala frivola u vessatorja b'dan ghalhekk illi ghandu jitkompla s-smigh tal-appell fil-konfront tal-appellant.

Ikkunsidrat:

Illi f'kaz ta' lanjanza kostituzzjonali, il-funzjoni ta' din il-Qorti hija wahda li ghandha parametri stretti dettati mill-Kostituzzjoni stess. Infatti l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ighid:

> "**jekk f'xi proceduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin) dik il-qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kemm il-darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja**."

Illi ghalhekk il-Qorti certament f'dana l-istadju bl-ebda mod ma hija imsejha u lanqas hija kompetenti sabiex tiddeciedi fil-mertu l-istess kwistjoni u trid tara biss jekk fl-opinjoni taghha, it-talba maghmula mid-difiza sabiex issir referenza abbazi ta' dak premess hijiex wahda li tinvolvi kwistjoni li hi primarjament frivola jew vessatorja.

Illi f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Mifsud vs Avukat Generali** gie deciz illi l-kliem frivoli jew vessatorji ifissru illi l-kwistjoni li tkun tqajjmet hi irrilevanti proceduralment fil-proceduri li fihom tkun tqajjmet. Fil-fatt il-kelma "frivola" inghatat it-tifsira ta' "ebda pregju jew valur, vana, nieqsa mis-serjeta, manifestament nieqsa mis-sens u b'hekk ma ghandhiex tinghata xi forma ta' attenzjoni jew konsiderazzjoni." In rigward "vessatorja" din tidher li tfisser "minghajr ragunijiet sufficjenti u bl-iskop li dejjaq u tirrita lil kontro-parti."

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant jivventila zewg lanjanzi kostituzzjonali fir-rikors tieghu, bl-ewwel wahda tkun dik marbuta man-nuqqas ta' assistenza legali meta huwa

irrilaxxja l-istqarrija lill-pulizija waqt l-investigazzjoni lura fis-sena 2008, kif ukoll in-nuqqas ta' akkreditazzjoni tal-laboratorju forensiku fejn saret l-analizi tas-sustanza illegali allegatament misjuba fil-pussess tieghu u li tifforma il-qafas tal-proceduri odjerni. Jishaq illi l-ammissibilita' ta' dawn iz-zewg provi jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq skont il-ligi.

<u>1. Dwar id-dritt tal-Assistenza Legali matul l-interrogazzjoni tar-rikorrent u tax-xhud Christopher Buhagiar</u>

Illi huwa indubitat illi fis-sentenza impunjata ssir referenza ampja ghal dak dikjarat mill-appellant fl-istqarrija rilaxxjata minnu lil pulizija lura fis-sena 2008 meta allura ma kellux jedd ghall-assistenza legali waqt l-interrogatorju. Illi fil-fatt fl-ewwel aggravju minnu ventilat l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti malament cahhdet it-talba li kien ressaq sabiex din tigi skartata bhala prova in atti billi leziva tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq. Iqies illi din mhijiex prova ammissibbli u allura li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi probatorji. Illi allura l-ilment kostituzzjonali ventilat f'dan l-istadju tal-proceduri huwa wiehed kemmxejn prematur billi ma jistax jinghad mill-appellant, *a priori,* li hemm lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq f'dawn il-proceduri meta dan is-smigh ghadu pendenti u mhux konkluz. Illi dan qed jinghad ghaliex jekk dan l-ewwel aggravju mqanqal mill-appellant jigi milqugh u din il-Qorti taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi bl-istqarrija tieghu tigi allura skartata, ma tkunx sehhet il-lezjoni li l-appellant qed jilmenta dwarha.

Illi jigi imfakkar kif deciz fil-31 ta' Mejju 2019, fil-kawza fl-ismijiet "Paul Anthony Caruana vs Avukat Generali" illi "l-fatt *ut sic* li ma tkunx inghatat l-assistenza legali mhuwiex fih innifsu ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, izda l-kwistjoni ghandha tkun meqjusa skont il-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz. Li l-

persuna arrestata tkunx persuna vulnerabbli hija konsiderazzjoni importanti. Fuq kollox pero` fl-apprezzament dwar jekk il-jedd ghal smigh xieraq ikunx gie vjolat inkella le, qorti kompetenti ghandha tqis il-procediment kriminali tal-persuna koncernata fl-intier tieghu.[1]" Proceduri li ghadhom sa issa mhumiex konkluzi, kif inghad b'din il-Qorti ghad trid tiddetermina l-lanjanzi mqanqla mill-appellant fl-appell minnu intentat u allura l-ilment tieghu dwar l-ammissibbilita` tal-istqarrija minnu rilaxxjata lill-pulizija meta gie arrestat u interrogat.

Illi fir-rigward tax-xhieda guramentata tax-xhud Christopher Buhagiar jibda biex jinghad illi dan ix-xhud xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti u ukoll kien assista lill-pulizija fl-investigazzjonijiet meta accetta li jifforma parti minn konsenja kontrollata maghmula fit-termini tal-artikolu 30(B) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre, kif tajjeb jissottometti l-Avukat Generali fir-risposta tieghu, d-dritt ghall-assistenza legali matul l-interrogazzjoni ta' persuna suspettata ghandha bhala l-qafas taghha, l-harsien tal-jedd kontra l-awto-inkriminazzjoni u dan ghaliex dak dikjarat fil-konfessjoni hekk maghmula titqies bhala prova in atti fil-konfront ta' dik il-persuna fil-proceduri penali li jigu stitwiti kontra taghha. Illi dan il-harsien jonqos meta dik l-istqarrija tkun rilaxxjata minn terza persuna li imbaghad tingieb biex tixhed fil-konfront tal-persuna akkuzata, persuna li f'dawk l-istess proceduri ma tkunx akkuzata bl-ebda reat. Dan ghaliex ix-xhud fl-istqarrija minnu rilaxxjata u sussegwentement ikkonfermata bil-gurament ma inkriminax lilu nnifsu, izda inkrimina lill-appellant fil-proceduri odjerni.

[1] App. Sup. 15/01/2020 Ir-Repubblika ta' Malta vs Christopher Bartolo

L-uniku persuna li ghandha interess guridiku tivventila din il-lanjanza tal-awto inkriminazzjoni huwa l-persuna akkuzata biss fil-konfront ta' dak dikjarat minnu stess u mhux minn terzi estranji ghal procediment penali sussegwentement istitwiti kontra tieghu.

Illi allura fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tqies illi f'dan l-istadju tal-proceduri meta ghad fadal biex tigi determinata l-htija o meno tal-appellant fid-dawl tal-aggravji minnu mqanqla fit-talba tieghu ghal revizjoni tas-sentenza impunjata, din il-lanjanza kostituzzjonali hija prematura u allura vessatorja.

<u>2. Dwar Direttivi rigward l-Akkreditament tal-Laboratorji Forensici</u>

L-appellant jilmenta ukoll illi d-droga misjuba fil-pussess tieghu giet analizzata mill-ispizjar Mario Mifsud gewwa labarotarju li ma kienx wiehed akkreditat skont il-ligi u dan bi ksur tad-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill tal-Ewropa 2009/905/JHA tat-30 ta' Novembru 2009 kif tramandata fid-dritt nazzjonali permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 460.31 intestat "l-Ordni dwar l-Akkreditament ta' Provdituri ta' Servizzi Forensiċi li Jwettqu Attivitajiet tal-Laboratorji." L-osservanza ta' din il-ligi, fil-fehma tieghu tigi zgurat billi l-fornituri ta' servizzi forensici li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji jigu akkreditati minn korp ta' akkreditament nazzjonali bhala li jikkonformaw mal-ENISO/IEC 17025. Dan bil-ghan illi r-rizultati miksuba minn dawn il-laboratorji jigi rikonoxxut bhala xoghol kredibbli u attendibbli skond *standards* internazzjonali.

Jishaq illi gjaldarba l-analizi forensika li saret tas-sustanzi misjuba fil-pussess tieghu ma saritx mill-espert nominat mill-qorti gewwa labortaorju li ghandu din l-akkreditazzjoni, allura il-prova li trid issir mhijiex konformi

mal-ligi u leziva tal-jedd fondamentali tieghu, ghalkemm ma jindikax f'liema sens tinsab din il-lezjoni.

Illi jibda biex jinghad illi ghalkemm il-proceduri odjerni ilhom ghaddejjin sa mis-sena 2009 u ghalkemm ir-rapport imhejji mill-espert nominat mill-Inkwirenti l-ispizjar Mario Mifsud ilu pprezentat fl-atti sa mill-15 ta' Marzu 2010, l-appellant qatt ma ikkontestat il-konkluzjonijiet hemmhekk raggunti jew qanqal l-inammissibilita ta' din il-prova ghar-ragunijiet li llum qed jigu ventilati minnu f'din it-talba. Mhux biss izda lanqas ma jidher illi ressaq xi aggravju issa fi stadju ta' revizjoni sabiex jipprova jxejjen din il-prova.

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi kwistjoni li tirrigwarda l-ammissibilita' o meno ta' prova ghandha tigi determinata mill-qorti li tkun qed tisma' l-kaz u certament ma taqax fil-manzjonijiet riposti bil-ligi f'idejn il-qrati kostituzzjonali. L-appellant ma jindikax f'liema sens qed jigi lez xi dritt tieghu kif sancit fil-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni ghar-raguni li tali prova mhijiex fil-fehma tieghu konformi mal-ligi.

Illi fuq kollox il-ligi li l-appellant jaghmel referenza ghaliha fir-rikors tieghu tapplika esklussivament ghall-attivitajiet tal-laboratorji li jirrizultaw fi (a) profil ta' DNA u (b) data dattiloskopika u mhux analizi ta' droga, u dan kif imfisser fir-regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 460.31. Mhux biss izda ir-regolament 6 jiddisponi illi dan **"l-Ordni huwa mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet legali li jikkonċernaw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza,"** biex b'hekk l-ammissibbilita` o meno tal-prova li trid issir permezz tar-rizultanzi forsenici maghmula mill-espert Mario Mifsud ghandha issir fit-termini tal-dritt penali fir-rigward.

Illi ghal dawn il-motivi anke din it-talba hija wahda vessatorja billi ma hemm l-ebda raguni skont il-ligi li fuqha hija imsejsa l-istess.

Għalhekk ghal motivi kollha hawn fuq migjuba it-talba tal-appellant sabiex il-lanjanzi ventilati minnu fir-rikors tal-14 ta' Jannar 2020 jigu riferuti lil Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha qed tigi michuda.

**Imhallef**